**Ir-raba' sejħa għall-proposti – miżura 4 – GAG4 '*Rejuvenating Gozo*'**

Il-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar it-tnedija tar-raba' sejħa għal proposti taħt miżura 4 – GAG 4 "Rejuvenating Gozo" – bħala parti mill-programm LEADER 2014-2020 iffinanzjat mill-Fondi Ewropej. Din il- miżura hija parti mill-Istrateġija għall-Iżvilupp Lokali għal Għawdex u Kemmuna.

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-kumditajiet u s-servizzi f'Għawdex, u b' hekk ittejjeb il-kwalità tal-ħajja għaż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ, tikkontribwixxi għaż-żamma tal-ħiliet, u trawwem riġenerazzjoni demografika u kulturali. Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa huwa ta' **€240,000** ta' fondi pubbliċi.

Il-benefiċjarji eliġibbli jridu jiffurmaw sħubijiet bejn il-Kunsilli Lokali, l-*NGO*s, u l-operaturi tan-negozju. Kull applikazzjoni għandha tinkludi mill-inqas tliet (3) entitajiet mill-kategoriji msemmija.

Se ssir sessjoni ta' informazzjoni *"online"* rigward din il-miżura nhar il-**Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2024, fl-10:30am**. Entitajiet interessati għandhom jibagħtu email fuq info@leadergozo.eu biex jirċievu stedina għal din is-sessjoni.

Is-sejħa għall-proposti tiftaħ nhar it-**Tnejn, 8 ta' Lulju 2024**. Id-data tal-għeluq għall-kjarifiki hija l-**Ġimgħa, 2 ta' Awwissu 2024**. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-GAGF sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa, 9 ta' Awwissu 2024 f' nofsinhar** permezz ta' email lil info@leadergozo.eu.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz tat-telefon fuq 2155 0322 jew permezz ta' email fuq info@leadergozo.eu. L-applikazzjoni u l-linji gwida se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-GAGF www.leadergozo.eu.

***Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.***

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa tinvesti fiż-żoni Rurali